MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Numru. 583/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**SEBASTIANO MIANO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SEBASTIANO MIANO,** ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, iben Giovanni Miano u Vincenza xebba Litrico, imwieled Catania nhar it-8 ta' Mejju 1986, residenti Via Fortino Vecchio Nr. 39 Pl. 1, Catania u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AU 4075714 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta' Novembru 2013 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

Importa, gew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (il-pjanta *Cannabis*) f'Malta.

Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' vera kopja tal-karta tal-identita' tal-imputat li giet immarkata Dok CSH, conviction sheet li giet immarkata Dok CSH1 u kunsens tal-Avukat Generali li giet immarkata Dok CSH2.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux mezzi finanzjarji u li huwa indigenti u l-Qorti ghalhekk innominat lil Dr Cedric Mifsud bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum 25 ta' Novembru 2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-25 ta' Novembru 2013.

Invista ta' tali ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi.

Ai fini ta' piena l-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni meta rrilaxja l-istatement esebit fl-atti.

Rat ukoll li l-Prosekuzzjoni esebiet wkoll l-ammont ta' droga liema ammont huwa de minimis fejn jidher li din id-droga kienet ghall-uzu personali tal-imputat.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat SEBASTIANO MIANO hati ta' l-akkuzi u tikkundannah sitt xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta oltre dan tikundannah ihallas multa ta' hames mitt ewro (€500).**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress li f'dawn l-atti ma saret l-ebda nomina simili.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jwettaq reat tul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita w ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mil-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet '<u>Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli</u>'.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------